MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 87/2023 LM

**Mark Muscat (K.I. nru. 281378M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**NGatt Consultancy Services Limited (C 82471)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **NGatt Consultancy Services Limited (C 82471)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fil-21 t'Awwissu, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fejn it-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent **Mark Muscat (K.I. nru.**

**281378M)** [hawnhekk 'l-appellat'] ma kinitx waħda ġusta, u għalhekk ordna lis-soċjetà intimata tħallsu kumpens fl-ammont ta' tmintax-il elf u sitt mitt Euro (€18,600).

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors li ppreżenta quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa ġie impjegat mas-soċjetà intimata f'Diċembru tal-2019, mingħajr qatt ma ngħata kuntratt ta' impjieg, minkejja l-insistenza tiegħu li jingħata dan, partikolarment meta kellu bżonn kuntratt bħal dan biex ikun jista' jieħu self bankarju, u dan bi ksur tar-Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati (L.S.452.83). Ir-rikorrent spjega li huwa dejjem aġixxa b'mod professjonali fix-xogħol tiegħu, u l-prestazzjoni tiegħu kienet waħda eċċellenti, tant hu hekk li qatt ma ngħata xi forma ta' twissija la fuq livell personali u lanqas fuq livell professjonali, għajr għal xi konverżazzjonijiet informali li kellu mad-direttur tas-soċjetà intimata fuq il-pjattaforma *WhatsApp*. Qal li huwa kien iddedikat għal xogħlu, u dejjem kien disponibbli għall-ħtiġijiet tal-kumpannija f'kull ħin, anki jekk qatt ma ngħata mezzi telefoniċi jew kompjuter għall-użu tax-xogħol tiegħu, u għalhekk kien juża t-tagħmir personali tiegħu. Żied jgħid li huwa kemm-il darba ilmenta dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol mas-superjuri tiegħu, partikolarment għaliex id-direttur tiegħu spiss kien imur minn wara dahar il-klijent fuq xogħol li kien ikun qiegħed jieħu ħsieb hu, xi drabi b'konsegwenzi negattivi. Qal li fl-4 ta' Marzu, 2022 huwa ġie infurmat mid-direttur li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi uffiċjalment itterminat, u li kellu jiġbor l-effetti personali tiegħu u jħalli l-uffiċċju. Kompla jgħid li huwa talab spjegazzjoni dwar ir-raġuni

wara din it-tkeċċija sommarja tiegħu, u ġie infurmat li dan seħħ minħabba prestazzjoni mhux sodisfaċenti. Ir-rikorrent kompla jgħid li huwa qatt ma ngħata xi forma ta' twissija formali dwar il-prestazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol, u qatt ma ngħata xi tip ta' *performance improvement plan* sabiex ikun jista' jtejjeb l-allegati nuqqasijiet tiegħu, u għalhekk ma setax jifhem dawn l-allegazzjonijiet minn fejn kienu ġejjin. In vista ta' dan, ir-rikorrent talab lit-Tribunal (i) jiddikjara u jiddeċiedi li huwa ġie mkeċċi minn fuq il-post tax-xogħol mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi; (ii) jillikwida l-kumpens ġust li għandu jingħata minħabba f'din it-tkeċċija inġusta; u (iii) jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont hekk likwidat.

3. Is-soċjetà intimata eċċepiet li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, peress li hemm raġuni valida u ġusta għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent. Qalet li hija kumpannija li tipprovdi servizzi ta' konsulenza u *digital marketing* lil kumpanniji li joperaw fis-settur tar-*remote gaming,* u r-rikorrent ġie ingaġġat magħha fl-1 ta' Ottubru, 2019 fuq bażi *part-time* bħala *marketing manager,* bir-responsabbilità speċifika għas-suq Malti. Qalet li huwa għal kollox skorrett li jingħad li r-rikorrent ma ngħatax kuntratt ta' impjieg, u kien ir-rikorrent li talab żmien biex jagħmel xi arranġamenti personali qabel jiffirma l-kuntratt ta' impjieg. Qalet li wara li r-rikorrent infurmaha li ried kopja tal-kuntratt, u wara li tkomplew diskussjonijiet fuq il-*bonus structures,* il-kumpannija bagħtet lir-rikorrent kopja tal-kuntratt sabiex dan jiġi finalizzat, u hija kemm-il darba fakkret lir-rikorrent li dan il-kuntratt kien għad irid jiġi ffinalizzat u ffirmat. Kompliet tgħid li sakemm il-liġi ma tirrikjedix formalitajiet speċifiċi, ftehim jiġi meqjus li ġie konkluż mal-

aċċettazzjoni tal-offerta meta l-parti li taċċetta l-offerta tkun konxja ta' dik l-aċċettazzjoni. Qalet li r-rikorrent baqa' jaħdem magħha u qatt ma talab tibdil fil-ftehim, u għalhekk dan għandu jitqies li aċċetta t-termini stabbiliti fil-kuntratt ta' impjieg offrut lilu għall-finijiet kollha tal-liġi. Qalet ukoll li anki jekk għas-saħħa tal-argument, il-kuntratt tal-impjieg mibgħut lir-rikorrent ma jitqiesx li ġie formalment aċċettat minnu, dan xorta waħda għandu jiġi kkunsidrat li jissodisfa d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati (L.S. 452.83).

4. Is-soċjetà intimata qalet li minkejja li kull pożizzjoni fil-livell maniġerjali ġġorr magħha responsabbiltajiet kbar, ir-rikorrent ripetutament naqas milli jwettaq ix-xogħol assenjat lilu fiż-żmien miftiehem. Qalet ukoll li hija tuża sistema *online* ta' *project management* li permezz tagħha jiġi devolut ix-xogħol lill-ħaddiema, u kull *task* ikollu dettalji li jinkludu d-*deliverable* li għandu jiġi pprovdut u t-terminu li fih id-*deliverable* għandu jiġi pprovdut. Kompliet tgħid li din is-sistema awtomatikament tibgħat *reminders* meta x-xogħol ma jitlestiex fiż-żmien determinat. Is-soċjetà intimata spjegat li dawn in-*notifications* intbagħtu lir-rikorrent awtomatikament permezz tas-sistema ta' *project management,* u dan ġie mwissi diversi drabi li sakemm il-prestazzjoni tiegħu ma titjiebx, l-ingaġġ tiegħu magħha kien ser jintemm. Qalet li huwa importanti li jiġi rimarkat li fl-istess waqt li r-rikorrent kien ingaġġat magħha, huwa kien impjegat ukoll mal-UEFA bħala *venue media manager,* kariga li teħtieġ ivvjaġġar f'postijiet differenti hekk kif rikjest mill-UEFA. Qalet li kull meta r-rikorrent kien ikun imsiefer fuq xogħol tal-UEFA, huwa ma kien jagħmel l-ebda xogħol għaliha, minkejja li t-*tasks* assenjati lilu kienu jirrikjedu xogħol kostanti. Qalet li mhux

biss ir-rikorrent naqas li jwettaq ix-xogħol tiegħu fid-*deadlines* stabbiliti, iżda saħansitra kien regolarment jonqos li jwieġeb telefonati u *emails.* Is-soċjetà intimata qalet li minkejja li l-ingaġġ ta' persuna fuq bażi *part-time* jippermetti li l-impjegat ikollu xogħol ieħor, dan huwa suġġett għal żewġ prekundizzjonijiet fundamentali, jiġifieri li l-impjegat ikollu biżżejjed ħin biex iwettaq ix-xogħol li għalih kien ingaġġat b'mod diliġenti u f'waqtu, u ma jistgħux jinqalgħu sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, u hija responsabbilità tal-impjegat li jassigura li ma jkunx hemm sitwazzjonijiet bħal dawn. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li d-deċiżjoni li r-rikorrent jitkeċċa minn magħha ma kinitx waħda faċli, partikolarment minħabba r-relazzjoni ta' ħbiberija bejn id-direttur tagħha u r-rikorrent. Qalet ukoll li l-intenzjonijiet tajba tagħha huma riflessi fil-fatt li minkejja li kien hemm diversi ċirkostanzi li kellhom iwasslu għat-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg, hija xorta waħda offriet *severance package* lir-rikorrent, minkejja li ma kellha ebda obbligu li tagħmel dan. Qalet ukoll li n-nuqqasijiet tar-rikorrent huma sostanzjali, u jinkludu traskuraġni, non-kuranza u evitar tad-doveri tiegħu.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-21 t'Awwissu, 2023, it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta, u li għalhekk hemm lok fejn jingħata kumpens, liema kumpens ġie ffissat fis-somma ta' tmintax-il elf u sitt mitt Euro (€18,600), u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**PROVI***

*F'dawn il-proċeduri xehdu x-xhieda miġjuba miż-żewġ partijiet, kif ukoll ġew esebiti diversi dokumenti.*

***SOTTOMISSJONIJIET (Sintesi)***

*Dr. Bradley Gatt (on behalf of NGATT Consultancy Services Limited):*

"During the proceedings, Mark Muscat portrayed a scenario in which NGATT Consultancy abruptly terminated his employment, suggesting that everything was going smoothly and without any issues. This when Mark Muscat was aware that NGATT Consultancy was deeply unsatisfied with his performance. His performance was initially satisfactory and this was confirmed by multiple parties including Michael Gatt and Prashant Patel during their witness.

Unfortunately, towards the end of 2022, Mark Muscat's work performace underwent a notable and sudden downturn, indicating a significant decline in his productivity and effectiveness in the workplace. This decline had a direct impact on overall team efficiency and output, causing delays in project completion and a decrease in the overall quality of work delivered. This decline also had a ripple effect on the work-flow and collaboration with other members of the NGATT Consultancy team.

The main reasons which led NGATT Consultancy to terminate the part-time employment of Mark Muscat are: 1. Missed Deadlines and Impact on Business, 2. Other team-mates were to blame, 3. Mark Muscat was duly notified about his performance.

It is pertinent to point out that Mark Muscat repeatedly received notifications from Asana through emails indicating that projects had missed their deadlines, and despite subsequent reminders, the issues persisted. To add, NGATT Consultancy took additional and proactive steps to further bring its dissatisfaction to the attention of Mark Muscat. Regular meetings were held in the offices of NGATT where such matters were discussed, and the delays caused by Mark Muscat were regularly on the agenda. As a consequence, several strongly-worded messages were sent to Mark Muscat through Whatsapp to emphasize the severity of the situation. Mark Muscat admitted to having received these messages in the sitting held on the 26$^{th}$ May, 2023.

The Employment and Industrial Relations Act does not specify any particular requirement regarding the formalities or methods that are to be used when employers communicate with their employees. This means that a notification is deemed to have been duly given as long as (i) the employer sends correspondence

through channels it normally uses for such purposes, (ii) such notification clearly describes the matter to which it relates, and (iii) such communication is received and acknowledged by the recipient, Missed Targets.

The unsatisfactory performance of Mark Muscat is not only based on subjective criteria. On the contrary, NGATT Consultancy established specific targets in collaboration with Mark Muscat himself, who as a manager, also contributes to setting those targets and defining the performance threshold. These targets were not met, and the performance of Mark Muscat and his department played a significant role in the shortfall.

Mark Muscat's parallel job with UEFA; conflict of interest and neglecting the needs of NGATT Consultancy:

Mark Muscat confirmed that, during the time when he was employed with NGATT Consultancy, he was also employed on a part-time basis with UEFA as a venue media manager. In his capacity as venue media manager, Mark Muscat was required to travel regularly to handle certain aspects of his duties with UEFA. This was another reason which contributed to the dismissal of Mark Muscat. While a short absence of a day or two may be understandable, an extended absence creates a different narrative altogether. Travelling for an extended period without fulfiling job duties raises significant concerns and can be seen as a breach of employment regulations. Unfortunately, the commitment that Mark Muscat had with UEFA was such that he neglected the needs of NGATT Consultancy.

Mark Muscat confirmed that for a consecutive period of four (4) weeks, he travelled to Qatar on a UEFA engagement. During such time, Mark Muscat admitted that he did not carry out any duties for the benefit of NGATT Consultacny. He claims that this was due to the fact that, during his stay in Qatar, he had no internet connection through Wi-Fi and mobile connectivity was very expensive. Although locally, one can accept that there may have been occasions during which Mark Muscat may not have had any internet connectivity, the validity of his claim that he had no internet connection for the whole duration of his four (4) week stay in Qatar is surely doubtful, particularly considering Qatar's technological infrastructure. It is to be pointed out that during Mark Muscat's stay in Qatar, NGATT Consultancy representatives were trying to get in touch with him through different communication channels, but to no avail.

Regarding the question of Bonuses, there were some discussions between NGATT Consultancy and Mark Muscat for a potential bonus structure to incentivise and

potentially improve his performance, no formal agreement regarding this bonus was reached.

Upon the termination of Mark Muscat's employment, a voluntary termination payment was extended as an offer by NGATT Consultancy. This payment, equivalent to two (2) months' salary was not a mandatory requirement or obligation on the part of NGATT Consultancy."

*L-Avv. Patrick Farrugia f'isem ir-rikorrent:*

*"Ir-rikorrenti qatt ma ngħata kuntratt tal-impjieg, minkejja li dan talbu diversi drabi mingħand id-direttur tas-soċjetà intimata, Nicholas Gatt. F'Settembru 2020, ossia wara kważi sena impjieg, Nicholas Gatt bagħat biss kopja ta' kuntratt ta' impjegat ieħor (bid-dettalji kollha ta' dan l-istess impjegat) lir-rikorrenti, u baqa' ma tahx kuntratt tiegħu sa tmiem l-impjieg. Dan b'hekk jikkostitwixxi ksur tar-Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati (L.S. 452.83) illum imħassra u sostitwiti mir-Regolamenti dwar Kundizzjonijiet tax-Xogħol Trasparenti u Prevedibbli), u dan apparti l-fatt li b'konsegwenza ta' dan il-ksur, ir-rikorrent baqa' ma setax japplika għal self bankarju sabiex jakkwista proprjetà."*

*Meta l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat minn Nicholas Gatt, huwa la ngħata raġuni ċara u valida għal dan, la ġie mwissi minn qabel b'mod ċar li kien hemm xi problemi serji u lanqas ma ġie mgħoddi minn proċeduri dixxiplinarji (la formali u wisq anqas informali) li setgħu jiggarantulu l-opportunità li imqar isemma' leħnu meta rinfaċċjat b'din id-deċiżjoni unilaterali. Ir-raġuni li ngħatat minn Nicholas Gatt (liema raġuni, apparti li kienet vaga, lanqas ingħatat bil-miktub) kienet relatata ma'* revenue. *Tant li waqt ix-xhieda tar-rikorrenti fil-28/4/23, meta mistoqsi ngħatatx raġuni għat-terminazzjoni tiegħu, ir-rikorrent wieġeb: "*Ma nafx, ma nafx għalfejn. Lili ġabuli l-iskuża li n-numri kienu ħżiena, li n-numru, ir-revenue tal-kumpannija kienu ħżiena. Meta jiena naf li mhux veru kien il-każ."

*Inoltre s-surreferit huwa fattwalment sostnut mill-fatt li l-impjieg ta' żewġ impjegati oħra li xehdu f'dawn il-proċeduri (ċioe Kursten Marmarà u Kurt Caruana), ġie tterminat b'mod ħesrem ftit wara li dawn ġew offruti kuntratt b'paga waħda bejniethom għaliex is-soċjetà intimata ma riditx issostni l-pagi tat-tnejn li huma. Dawn ġew imkeċċija ftit ġimgħat biss qabel ma ġie tterminat l-impjieg tar-rikorrent – huwa ċar li dan ma kienx b'kumbinazzjoni u b'hekk jidher ċar li s-soċjetà intimata kellha l-intenzjoni li tnaqqas il-*headcount. *B'hekk id-difiża mressqa mis-soċjetà intimata, li hija pjenament u unikament ibbażata fuq allegati nuqqasijiet fil-prestazzjoni tar-rikorrent, tiżgarra b'mod assolut mar-raġuni mogħtija lir-rikorrent fil-*

*mument tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu flimkien mal-fatti kollha koinċidentali fuq żvelati.*

*Dwar ix-xogħol l-ieħor tiegħu tal-UEFA, ir-rikorrent fit-28 ta' April, 2023 fuq mistoqsija tal-Avv. Roselyn Borg, jekk il-kumpannija kinitx taf bih, ir-rikorrent Muscat wieġeb:* "Mill-bidunett kienu jafu bih dan ix-xogħol tal-UEFA. U mhux talli hekk, talli jiena wkoll kellimt lill-UEFA biex nieħu parir biex nara eżattament nistax nagħmlu dan ix-xogħol u tawni l-go-ahead. U tawni l-go-ahead fuq bażi ċara."

*Inoltre d-direttur Nicholas Gatt ta' sikwit aċċetta biljetti għal partiti tal-futbol għalih, għal familtu u għal sħabu, liema biljetti kienu jiġu ottenuti mir-rikorrent tramite l-pożizzjoni tiegħu tal-UEFA, b'turija ċara illi huwa ċertament ma kellu l-ebda problema b'dan l-arranġament.*

*Rigward il-kwistjonijiet tal-*"missed deadlines" *ir-rikorrent huwa umli biżżejjed li jammetti li kien hemm drabi fejn ċertu xogħol ma wasalx fil-ħin għaliex fl-aħħarnett huwa uman u żbalji jsiru. B'danakollu, kien hemm diversi drabi fejn din it-tardezza ma kinitx kawża ta' inadempjenza da parti tiegħu, iżda ta' dewmien min-naħa tal-*graphic designer*, ċertu Gorg Gasashvili, li kien jgħix il-Ġeorġja u mhux Malta. Ir-rikorrent jissottometti li Gorg Gasashvili kien sikwit jipprovdi skużi varji għad-dewmien tax-xogħol, u r-rikorrent kemm-il darba ġibed l-attenzjoni ta' Nicholas Gatt dwar dan. Dawn l-istess* tasks *huma ftit fost mijiet ta'* tasks *oħra li ġew kompluti fil-ħin u b'mod sodisfaċenti mir-rikorrent matul l-impjieg tiegħu."*

***KUNSIDERAZZJONIJIET***

*Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tas-Sur Mark Muscat kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi. Dan għamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajma matul dan il-proċess, u dan kif sponuti mix-xhieda, id-dokumenti mill-partijiet u s-sottomissjonijiet finali tal-Avukati.*

*It-Tribunal isostni li t-tkeċċija mix-xogħol għandha tkun* 'the very last resort'*, u jekk issir tkeċċija, din għandha ssir wara li l-persuna konċernata tingħata kull opportunità li tingħata smigħ kif jixraq, imparzjali, u li jkollha opportunità ċara li tiddefendi ruħha, anke jekk hemm bżonn b'għajnuna legali. Fil-każ ta' Mark Muscat, dan qatt ma sar u t-Tribunal iqis dan l-atteġġjament min-naħa tas-soċjetà intimata bħala nuqqas serju. Tkeċċija trid tkun għal raġunijiet gravi biżżejjed u serji, għandu jkun hemm proċessi dixxiplinarji formali u b'opportunità li kull min ikun qed jiġi akkużat jingħata kull ċans li jiddefendi ruħhu.*

*It-Tribunal għandu sitwazzjoni quddiemu fejn ir-rikorrent kien impjegat* part-time *mas-Soċjetà Intimata, iżda l-istess rikorrent kien impjegat* 'part-time' *ma' entitajiet oħra. Dwar dan ix-xogħol estern tar-rikorrent, is-Soċjetà kienet totalment konxja ta' dan u qatt ma sabet oġġezzjoni jew kunflitt ta' interess potenzjali. Fix-xhieda tiegħu fit-28 ta' April, 2023, ir-rikorrent jistqarr li, "*mill-bidunett kienu jafu bih dan ix-xogħol tal-UEFA. U mhux talli hekk, talli jiena wkoll kellimt lil UEFA biex nieħu parir biex nara eżattament nistax nagħmlu dan ix-xogħol u tawni l-go ahead. Kien hemm ukoll drabi fejn jien kont niġi mitlub minn diriġenti ta' NGATT Consultancy Services biex nakkwista biljetti għalihom." *Stante illi dan ma kienx kontradett mill-intimati, huwa evidenti illi dan kollu kien qed isir bil-kompjaċiment tagħhom.*

*Il-problemi jidher li nqalgħu biss meta r-rikorrent kien fuq xogħol tal-UEFA matul l-Arab Cup ġewwa l-Qatar. Hawnhekk ir-rikorrent kellu diversi problemi ta' konnettività u sabiex ma jinqatax kemm jista' jkun, tella' kont ta' erba' mitt Euro sabiex ta' sikwit ikollu konnessjoni ta' Internet u jibqa' disponibbli. Ir-rikorrent qatt ma ġie kkumpensat mis-Soċjetà Intimata għal dawn l-ispejjeż. It-Tribunal jemmen bis-sħiħ li l-mawra li kellu r-rikorrent fuq ix-xogħol l-ieħor* part-time *ma kellhiex tnaffar b'xi mod ix-xogħol siewi li r-rikorrent kien ilu jagħmel mal-kumpannija intimata sa minn Diċembru 2019. Inoltre, it-Tribunal huwa konvint li l-prestazzjoni lavorattiva tar-rikorrent kienet* in linea ġenerali *waħda tajba u sodisfaċenti.*

***DECIDE***

*Għalhekk, it-Tribunal, wara li eżamina u evalwa d-dikjarazzjonijiet ta' dan il-każ, jiddeċiedi li r-rikorrent Mark Muscat ma kienx jistħoqqlu terminu mill-impjieg u għalhekk dan jitqies bħala tkeċċija mill-imjpieg li hi inġusta u għalhekk hemm lok li jingħata kmpens.*

*Fil-komputazzjoni ta' dan il-kumpens, it-Tribunal ħa konjizzjoni tas-somma ekwivalenti għal xahrejn paga li l-kumpannija intimata diġà tat lir-rikorrent.*

*Għaldaqstant, il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' tmintax-il elf u sitt mitt Euro (€18,600) liema somma għandha titħallas mis-soċjetà intimata fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.*

*A tenur tal-Avviż Legali Nru. 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lil kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disgħin Euro u sbatax-il ċenteżmu (Euro 93.17) kull wieħed.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## L-Appell

6. Fir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà appellanta fl-1 ta' Settembru, 2023, hija talbet li l-Qorti tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-21 t'Awwissu, 2023 fl-ismijiet premessi, u tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tal-appellat Mark Muscat, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li (i) id-deċiżjoni tat-Tribunal hija msejsa fuq premessi legalment skorretti, jiġifieri li l-appellat ma ngħatax l-opportunità li jiddefendi ruħhu u li huwa ma ngħatax twissijiet bil-mezzi tradizzjonali, bil-konsegwenza li l-pożizzjoni tagħha ġiet ippreġudikata quddiem it-Tribunal; (ii) li d-deċiżjoni appellata turi li parti sostanzjali mill-provi tagħha ġew skartati mit-Tribunal daqs li kieku qatt ma ġew ippreżentati, u b'hekk id-deċiżjoni ngħatat abbażi ta' serje ta' fatti li jirriflettu biss it-teżi tal-appellat, bi preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha; u (iii) li anki jekk jiġi stabbilit li d-deċiżjoni kienet waħda inġusta, it-Tribunal ma ta l-ebda motivazzjoni dwar kif wasal għal-likwidazzjoni tas-somma ta' tmintax-il elf u sitt mitt Euro (€18,600) fid-dawl tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452, u f'dan il-kuntest is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal donnu nesa li l-appellat sab impjieg ieħor fuq bażi *full-time* madwar erba' xhur wara.

7. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni appellata ngħatat fuq premessi legalment skorretti, u qalet li t-Tribunal awtomatikament iddeċieda li t-tkeċċija kienet inġusta għaliex l-appellat ma ngħatax opportunità jiddefendi ruħhu, u lanqas ma ngħata twissijiet bil-mod tradizzjonali. Is-soċjetà appellanta qalet li nuqqas ta' 'smigħ xieraq' jew nuqqas ta' osservanza ta' proċedura tad-dixxiplina, m'għandux iwassal b'mod awtomatiku għal deċiżjoni li t-tkeċċija hija inġusta. Qalet li l-punt tat-tluq tat-Tribunal kien li fin-nuqqas ta' proċess

dixxiplinarju formali, u fin-nuqqas ta' twissijiet ċari permezz ta' ittri tradizzjonali, it-tkeċċija kienet inġusta. Qalet li mill-provi kellu jirriżulta li t-tkeċċija saret minħabba nuqqasijiet ripetuti tal-appellat fix-xogħol tiegħu fuq perijodu ta' żmien, u wara li nġibditlu l-attenzjoni dwar dan diversi drabi. Qalet li t-Tribunal qies li l-użu ta' mezzi elettroniċi huwa irrilevanti, u li jgħoddu biss huma l-mezzi tradizzjonali. Kompliet tgħid li l-appellat ikkonferma li r-rappreżentanti tal-appellanti ddiskutew miegħu l-andament tax-xogħol permezz ta' mezzi elettroniċi, u l-appellat mhux biss irċieva tali korrispondenza, iżda wera nuqqas ta' qbil magħha. Qalet li mill-provi jirriżulta li l-appellat ikkonferma li kien ingħata l-opportunità li jagħti r-rispons tiegħu diversi drabi, primarjament permezz ta' mezzi elettroniċi, u dan jirrifletti anki n-natura tax-xogħol tal-partijiet, li ħafna minnu jsir *online* u huwa *web-based.*

8. Is-soċjetà appellanta qalet li matul il-proċedimenti, it-Tribunal enfasizza b'mod konsistenti l-pożizzjoni tiegħu, li l-użu ta' pjattaformi bħal *WhatsApp* u Asana mhumiex adegwati biex jintbagħtu ċertu tip ta' komunikazzjonijiet lill-impjegati. Madanakollu, din il-pożizzjoni tidher li tittraskura aspett kruċjali, jiġifieri l-progress kontinwu tat-teknoloġija u l-evoluzzjoni kontinwa fil-qasam tax-xogħol. Qalet li f'era karatterizzata minn innovazzjoni teknoloġika rapida, il-modi tradizzjonali tal-komunikazzjoni qed jiġu kkumplimentati dejjem iżjed, u xi drabi sostitwiti, minn pjattaformi diġitali li joffru effiċjenza, immedjatezza u konvenjenza.

9. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li l-Kap. 452 ma jispeċifika l-ebda rekwiżit partikolari dwar il-formalitajiet jew metodi li għandhom jintużaw meta min iħaddem jikkomunika mal-impjegati tiegħu. Għalhekk in-notifika għandha

titqies li ngħatat sakemm min iħaddem jibgħat korrispondenza b'mezzi li normalment juża għal dawn l-iskopijiet, in-notifika tiddeskrivi b'mod ċar il-kwistjoni li tirrelata magħha, u l-komunikazzjoni tiġi riċevuta u rikonoxxuta mir-riċevitur. Qalet li kull interpretazzjoni oħra tkun kompletament distakkata mill-era diġitali u l-mod kif joperaw in-negozji fl-era diġitali, u tkun tikser id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Tranżazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 426 tal-Liġijiet ta' Malta), li jipprovdi li kull informazzjoni li tingħata permezz tal-komunikazzjoni elettronika, għandha titqies li ngħatat bil-miktub u li tissodisfa kull rekwiżit leġislattiv. Is-soċjetà appellanta qalet li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi mħassra għaliex il-*forma mentis* tat-Tribunal kienet żbaljata mill-bidu, fejn ingħad li n-nuqqas ta' proċeduri dixxiplinarji u twissijiet bil-mezzi tradizzjonali, kienu nuqqasijiet li awtomatikament għandhom iwasslu għal deċiżjoni li kien hemm tkeċċija inġusta. Qalet li dan huwa legalment żbaljat, u t-Tribunal kellu jgħarbel il-provi kollha bir-reqqa, qabel jasal għall-konklużjoni dwar jekk it-tkeċċija kienitx ġusta jew le.

10. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-provi tagħha ġew injorati mit-Tribunal. Qalet li t-Tribunal m'għamel l-ebda riferiment għal ammont sostanzjali ta' provi, jew inkella dawn spiċċaw ingħataw sfumatura kuntrarja għal dak li riedet tfisser hi, bir-riżultat li t-Tribunal iddeċieda fuq parametri differenti minn dawk li kienu jirriflettu r-realtà tal-fatti. Qalet li ma jistax ikun hemm smigħ xieraq jekk it-Tribunal ma jikkonsidrax provi li jkunu tressqu minn parti, u n-nuqqas tat-Tribunal li jieħu konjizzjoni ta' ħafna mill-provi mressqa minnha, jammonta għal nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipju tal-*audi alteram partem.* Fost il-provi li s-soċjetà appellanta qalet li ġew injorati hemm

l-*affidavits* tad-diretturi tagħha Nicholas u Michael Gatt, bid-dokumenti mehmuża magħhom, inkluż il-korrispondenza mal-appellat. Qalet li l-*affidavit* tad-diretturi huwa prova importantissima għaliex dan juri l-kwalità tax-xogħol tal-appellat, u jagħti *time-line* dettaljat tal-mod kif kien isir ix-xogħol fil-kumpannija, inkluż permezz ta' *software* speċjalizzat. Qalet li l-istess jgħodd għax-xhieda ta' Prashant Patel, li kien konsulent tekniku magħha. Qalet li l-asserzjoni tat-Tribunal li l-problemi nqalgħu biss meta r-rikorrent kien fuq xogħol tal-UEFA ġewwa l-Qatar, tagħti l-impressjoni li qabel Novembru tal-2021 kollox kien sejjer tajjeb. Iżda kif intwera mill-provi, in-nuqqasijiet tal-appellat kienu jestendu fuq perijodu twil ta' żmien. L-appellanta qalet li f'każ bħal dan, huwa meħtieġ li jkun hemm għarfien bażiku tal-metodu kif hija taħdem, jiġifieri permezz ta' *software* speċjalizzat, u fhiex kien jikkonsisti x-xogħol tal-appellat, għaliex fin-nuqqas ikun ferm diffiċli li wieħed jiddetermina l-mertu tal-provi dwar it-tkeċċija.

11. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, fejn qalet li ma jidhirx li it-Tribunal osserva dak li jgħid l-artikolu 81(2a) tal-Kap. 452 biex wasal għall-kumpens ta' €18,600. Is-soċjetà appellanta qalet li ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni dwar x'tirrappreżenta din is-somma, u l-unika spjegazzjoni mogħtija mit-Tribunal kienet li dan ħa konjizzjoni tas-somma ekwivalenti għal xahrejn paga li s-soċjetà appellanta tat lill-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li dan kien żbaljat għaliex minkejja li huwa minnu li hija offriet is-somma ta' €2,500 lill-appellat, liema somma tirrappreżenta xahrejn paga netti, l-appellat m'aċċettax din l-offerta għaliex altrimenti ma kienx ikun f'pożizzjoni li jressaq l-ilment tiegħu quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellanta

qalet li l-kejl użat mit-Tribunal kien ta' €1,250 fix-xahar, mingħajr ma qies l-ewwel xahrejn, iżda imbagħad illikwida kumpens fl-ammont ta' €18,600 li huma ekwivalenti għal ħmistax-il xahar paga netti. Qalet li b'kollox għalhekk it-Tribunal ried jikkumpensa lill-appellat għal madwar sbatax-il xahar paga netti, u dan meta għandu jirriżulta li l-appellat spiċċa mill-impjieg *part-time* fi Frar tal-2022, u matul dan il-perijodu huwa baqa' jaħdem mal-UEFA fuq bażi *freelance* jew *self-employed.* Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi rriżulta wkoll li l-appellat sab impjieg *full-time* mal-bank MeDirect f'Awwissu 2022, dejjem fuq *marketing,* u huwa telaq minn dan l-impjieg wara ftit xhur minħabba fl-impenji tiegħu mal-UEFA in konnessjoni mat-Tazza tad-Dinja li saret fil-Qatar f'Diċembru tal-2022. Is-soċjetà appellanta qalet li mix-xhieda mogħtija mill-appellat, irriżulta li wara t-Tazza tad-Dinja, l-impenji tal-appellat mal-UEFA żdiedu, u minkejja li l-impenji tiegħu mal-UEFA jagħmluha diffiċli għalih li jsib impjieg *full-time* ieħor, fl-istess waqt huwa ma jridx jitlaq l-impenji li għandu mal-UEFA minħabba l-prestiġju tagħhom. L-appellat xehed ukoll li minkejja li dan ix-xogħol ma jrendix dħul biżżejjed biex jirrimpjazza impjieg *full-time,* jew biex jippermettilu jieħu self bankarju, qal li fl-istess waqt jagħmel xogħol volontarju fuq l-istazzjon nazzjonali għaliex isegwi numru ta' plejers internazzjonali, u għalhekk għandu għarfien dwar dan is-suġġett. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għax-xhieda tal-appellat, li qal li minkejja li fittex impjieg alternattiv, huwa ma rnexxilux isib impjieg bil-kundizzjonijiet li ried hu, li jkun kompatibbli max-xogħol tal-UEFA. Is-soċjetà appellanta staqsiet jekk dan għandux ifisser li għal dan kollu għandha tintalab tagħmel tajjeb hi.

12. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat ma ressaq l-ebda *employment history* jew xhieda mill-JobsPlus, iżda fix-xhieda tiegħu qal li wara ħames xhur mit-terminazzjoni tal-impjieg li kellu mas-soċjetà appellanta, huwa sab impjieg ieħor. Qalet li l-fatt li l-appellat ma żammx dan l-impjieg waqt il-perijodu ta' prova hija problema tiegħu, u mhuwiex aċċettabbli li t-Tribunal donnu għoġbu jikkumpensah minn Frar 2022 sad-data tad-deċiżjoni, għal sbatax-il xahar. Qalet li jekk kien hemm lok għal kumpens, dan ma kellux jeċċedi l-ħames xhur.

13. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja li l-appellat jista' jitqies li għadu żagħżugħ, dan għandu bosta esperjenza fil-qasam tad-*digital marketing,* u għalhekk m'għandux ikun diffiċli għalih biex isib impjieg alternattiv li jirrendilu l-istess dħul. Qalet li għalhekk il-likwidazzjoni tal-kumpens li għamel it-Tribunal ma tistax titqabbel mal-parametri ċari stipulati fil-liġi. Qalet ukoll li hemm inkonsistenzi dwar jekk huwiex minnu li l-appellat qiegħed ifittex b'mod attiv impjieg alternattiv, u filwaqt li min-naħa l-waħda jippreżenta lilu nnifsu bħala espert tal-*marketing* b'esperjenza, il-fatt li huwa ma damx fl-impjieg ma' ME-Direct, iqajjem ċerti mistoqsijiet. Qalet li jista' jkun ukoll li huwa diffiċli għall-appellat li jsib impjieg alternattiv u fl-istess waqt iżomm l-impenji li għandu mal-UEFA.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. Fir-risposta tiegħu l-appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ġusta u ekwa, u sostna li l-appell ippreżentat mis-soċjetà appellanta huwa infondat legalment u fattwalment. B'riferiment għall-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, l-appellat qal li dan mhux minnu, u minn qari tad-deċiżjoni

għandu jirriżulta li t-Tribunal saħaq fuq il-fatt li analizza l-validità tar-raġuni tat-terminazzjoni nnifisha, u l-istess deċiżjoni tirreferi għall-provi prodotti mill-partijiet, sew fir-rigward tax-xhieda kif ukoll fir-rigward tal-provi dokumentarji. Qal li s-soċjetà appellanta qiegħda tinjora diversi riferimenti li għamel it-Tribunal għall-prinċipju li tkeċċija tkun ġusta meta din tkun imsejsa fuq raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi, u li t-tkeċċija għandha tkun *the very last resort.* Qal li dan l-appell m'għandux jittratta l-mertu tal-każ in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda għandu jirriżulta li t-Tribunal ikkonsidra l-mertu tal-każ, u mhuwiex minnu li dan ibbaża d-deċiżjoni tiegħu biss fuq il-fatt li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda proċedura dixxiplinarja. L-appellat qal li minkejja l-fatt li proċeduri dixxiplinarji adegwati mhumiex il-pern assolut fil-konsiderazzjoni dwar jekk tkeċċija kienitx ġusta jew le, ma jistax jiġi skartat il-fatt li dan huwa element importanti ferm li jrid jiġi kkunsidrat xorta waħda. Qal li għandu jirriżulta li fi tmiem l-impjieg tiegħu ma kien hemm l-ebda proċeduri dixxiplinarji. Qal ukoll li b'hekk għandu jsegwi li l-aggravju tas-soċjetà appellanta f'dan ir-rigward jittratta biss il-fatt li filwaqt li hija ppreżentat komunikazzjonijiet li fil-fehma tagħha, jammontaw għal 'twissija formali', it-Tribunal għoġbu jikkonkludi li fil-fatt dawn ma kienu twissijiet xejn. L-appellat qal li t-Tribunal ikkunsidra li pjattaformi bħal ma huma l-*WhatsApp* u *Asana* mhumiex adegwati biex jintbagħtu ċerti komunikazzjonijiet lill-impjegati, għar-raġuni li dawn huma mezzi soċjali informali, u għalhekk mhumiex il-mezz adegwat kif jingħataw twissijiet formali. Qal li anki waqt il-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, id-direttur tas-soċjetà appellanta baqa' jinsisti li sempliċi messaġġ mibgħut fuq il-pjattaforma *WhatsApp*, jew konverżazzjoni *viva voce,* jikkostitwixxu twissija formali li permezz tagħha l-appellat kellu jkun konxju li

kien żbalja. Kompla jgħid li s-soċjetà appellanta qatt ma tatu twissija formali u ċara, u minflok ippruvat tinħeba wara konverżazzjonijiet informali. L-appellat qal li għalhekk, meta t-Tribunal tkellem dwar dan, l-intendiment tiegħu kien li jisħaq li messaġġi vagi ma jistgħux jikkostitwixxu twissija formali bl-iskop li jwasslu għal azzjoni dixxiplinarja, u lanqas li kieku kien il-każ, *WhatsApp* mhuwiex mezz adegwat għaliex huwa mezz soċjali informali. L-appellat qal li t-Tribunal imkien ma qal li twissija formali ma tistax tintbagħat permezz ta' mezzi elettroniċi, u fil-fatt hija prassi normali fid-dinja tal-lum, li twissijiet bħal dawn jintbagħtu b'mezzi elettroniċi. L-appellat qal li bl-aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qiegħda tipprova tiskapula ruħha mill-ħarsien tal-liġi tal-impjiegi, bl-iskuża li hija impriża żgħira, u dan l-aġir mhux biss huwa irraġonevoli u b'disprezz lejn il-liġi, iżda huwa wkoll kawża ta' mentalità fqira u antikwata fejn f'impriża żgħira, ikun hemm min jaħseb li jista' jmexxi mingħajr restrizzjonijiet. L-appellat qal li għalhekk il-motivazzjonijiet tas-soċjetà appellanta f'dan l-appell mhux biss huma abbużivi, iżda huma perikolużi, għaliex qiegħda tipprova tevadi l-obbligi legali tagħha abbażi ta' raġunijiet irrilevanti u mingħajr bażi legali.

15. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat jiċċita dak li jgħid ir-regolament numru 12 tar-Regoli dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali (L.S. 452.18), li jipprovdi għall-mod kif għandhom jingħataw id-deċiżjonijiet tat-Tribunal, u li jgħidu wkoll li t-Tribunal għandu jagħmilha ċara, bid-deċiżjoni tiegħu, li l-argumenti kollha li tressqu mill-partijiet ġew ikkunsidrati. L-appellat qal li f'dan il-każ it-Tribunal mexa ma' dan ir-regolament billi mhux talli speċifika bid-dettall ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, iżda wkoll għamel riferiment għax-xhieda *viva voce,* għall-provi dokumentarji, u għall-fatt

li dawn kollha tqiesu fis-sentenza tiegħu. Qal li għalhekk dan l-aggravju jikkostitwixxi biss diverġenza fl-opinjoni, għaliex is-soċjetà appellanta mhijiex sodisfatta bil-mod kif it-Tribunal interpreta l-fatti kontra tagħha wara li qies dak kollu li kellu quddiemu, u b'hekk dan l-aggravju għandu jitqies li huwa null u bla effett. L-appellat qal li dan l-aggravju lanqas m'huwa bbażat fuq punt ta' liġi.

16. B'riferiment għat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li s-soċjetà appellanta hija skorretta meta tgħid li l-kumpens mogħti lilu huwa wieħed eċċessiv, u qal li l-kumpens mogħti huwa ġust in vista tal-perijodu ta' żmien li fih huwa safa mingħajr impjieg wara t-tkeċċija tiegħu, u t-tbatija sofferta minnu tul dan il-perijodu. Qal ukoll li kuntrarjament għal dak li ġie mwiegħed lilu, huwa għamel żmien mingħajr *laptop* jew *mobile* tax-xogħol, u anki kellu jinkorri spejjeż f'dan ir-rigward, filwaqt li kien hemm ukoll madwar €2,950 f'*bonuses* li baqgħu ma tħallsux lilu. L-appellat qal li aggravju dwar nuqqas ta' ġustifikazzjoni għall-kumpens mogħti, ma jfissirx li dan il-kumpens għandu jiġi rivedut, għaliex ir-reviżjoni li qiegħda titlob is-soċjetà appellanta għandha tkun imsejsa fuq id-determinazzjoni tal-fatti skont kif ippreżentati quddiem it-Tribunal. L-appellat qal ukoll li hemm element ta' kontradittorjetà fir-rikors tal-appell, għaliex f'waqt minnhom is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal mexa fid-dlam dwar il-kwistjoni tal-kumpens li kellu jiġi likwidat, filwaqt li f'imkejjen oħra tgħid li l-appellat ingħata l-ekwivalenti ta' sbatax-il xahar paga netta. Qal li għalhekk huwa ċar li l-aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex wieħed dwar nuqqas ta' kjarezza ta' kif inħadem il-kumpens, iżda biss li din mhijiex taqbel miegħu għal raġunijiet infondati u mingħajr ebda motivazzjoni ġusta. L-appellat qal li mhux minnu li huwa kien impjegat mas-soċjetà

appellanta fuq bażi *part-time,* iżda kien impjegat fuq bażi *full-time,* u filwaqt li huwa minnu li huwa żamm impjieg fuq bażi *freelance* mal-UEFA, dan l-impjieg ma kien joffrilu l-ebda garanzija ta’ introjtu fiss jew affidabbli. Qal ukoll li dan l-impjieg l-ieħor ma kellu x’jaqsam xejn mal-kwistjoni odjerna, għaliex il-każ huwa bejnu u s-soċjetà appellanta, u l-mertu jittratta r-relazzjoni ta’ impjieg li kien hemm bejniethom, u b’hekk il-kariga tiegħu mal-UEFA ma kellha x’taqsam xejn mal-komputazzjoni tal-kumpens li għandu jingħata lilu. L-appellat qal ukoll li filwaqt li huwa minnu li wara xi żmien huwa sab impjieg mal-bank MeDirect, imma huwa kellu jċedi dan l-impjieg għaliex l-kundizzjonijiet maqbula ma’ min kien impjegah bdew jinbidlu għall-agħar, u dan bi ksur ta’ dak li huwa kien ftiehem dwaru fil-bidu tal-ingaġġ tiegħu.

17. L-appellat temm jgħid li l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta jindika li t-Tribunal għandu jqis id-danni reali, iżda ma jisħaqx li t-Tribunal għandu jibbaża l-likwidazzjoni tal-kumpens unikament fuq din il-konsiderazzjoni. Qal li wara li huwa talab lid-direttur tas-soċjetà appellanta jagħtih il-kuntratt tal-impjieg, huwa baqa’ mingħajr kopja tal-kuntratt sa dakinhar li ġie tterminat l-impjieg, bi ksur tar-Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati, u dan kellu l-konsegwenza li huwa baqa’ sallum ma jistax japplika għal self bankarju, u ma setax jixtri proprjetà immobbli. Qal li l-età tiegħu għandha rilevanza għaliex huwa diffiċli għal xi ħadd tal-età tiegħu li jakkwista self bankarju għal proprjetà residenzjali, u huwa iffaċċja wkoll diffikultajiet biex seta’ jħallas għall-manteniment ta’ bintu b’konsegwenza tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Qal ukoll li huwa ġie mwiegħed *bonuses* fix-xahar, ishma fis-soċjetà appellanta, u żieda sostanzjali fil-paga, u dan f’diversi punti tal-impjieg

tiegħu, imma dawn il-wegħdiet ma mmaterjalizzawx, għajr għal *bonus* wieħed, minkejja li s-soċjetà appellanta għandha tħallsu eluf ta' Euro f'*bonuses.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal Industrijali fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata għal tliet raġunijiet ewlenin, għaliex: (i) id-deċiżjoni appellata ingħatat fuq premessi legalment skorretti, fejn ingħad li l-appellat ma ngħatax l-opportunità jiddefendi ruħhu, u li ma kien hemm l-ebda twissija bil-mod tradizzjonali; (ii) parti sostanzjali mill-provi tagħha ġew skartati mit-Tribunal, meta dan kien qed jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu; (iii) it-Tribunal ma ta l-ebda motivazzjoni għall-mod kif illikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat.

*<u>L-Ewwel Aggravju</u>*

19. Is-soċjetà appellanta spjegat li t-Tribunal Industrijali telaq mill-premessa żbaljata li ladarba ma ngħatat l-ebda twissija formali lill-appellat u ma kien hemm l-ebda proċess dixxiplinarju, it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta. Qalet li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li l-appellat tkeċċa mill-impjieg għaliex kien hemm bosta nuqqasijiet fil-prestazzjoni tiegħu fuq ix-xogħol. Żiedet tgħid li t-Tribunal naqas milli jagħraf l-importanza tal-pjattaformi diġitali għal operatur fil-qasam tal-*marketing* diġitali u fl-era moderna, fejn ħafna affarijiet

jiddependu fuq l-użu ta' mezzi teknoloġiċi innovattivi, li joffru effiċjenza, immedjatezza u konvenjenza. Qalet li l-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistipula l-ebda rekwiżit dwar il-mod kif għandha ssir il-komunikazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegati tiegħu, u l-liġi tqis li kull informazzjoni li tintbagħat b'mezzi teknoloġiċi għandha titqies bl-istess mod daqs li kieku ntbagħtet bil-miktub, u tissodisfa kull rekwiżit leġislattiv xorta waħda.

20. Il-Qorti tibda billi tirrileva li minkejja li s-soċjetà appellanta taddebita importanza qawwija lill-kontenut tal-messaġġi li kienu jintbagħtu b'mezzi elettroniċi bejn id-diriġenti tagħha u l-appellat, minn dawn il-messaġġi esebiti in atti, ma jirriżultax li l-appellat kien qiegħed jiġi mwissi li l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat, jew li huwa kien ser jitkeċċa jekk ma jottemperax ruħhu ma' dak mitlub minnu. Huwa ċar minn qari ta' dawn il-messaġġi, li esponenti tas-soċjetà appellanta ma kinux kuntenti bil-prestazzjoni tal-appellat fil-mument li ntbagħtu dawn il-messaġġi. Iżda daqstant ieħor huwa ċar in-nuqqas ta' sodisfazzjon u l-frustrament min-naħa tal-appellat b'mod partikolari għall-fatt li huwa kien ġie mwiegħed ċerti affarijiet, bħal *devices* biex ikun jista' jikkomunika aħjar meta jkun barra l-pajjiż, li baqgħu ma ngħatawlux. Dan meta s-soċjetà appellanta fir-rikors tagħha enfasizzat li hija tista' tiffunzjona biss bl-użu ta' mezzi teknoloġiċi moderni, u saħansitra allegat li ċ-*Chairperson* tat-Tribunal wasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet inġusta għaliex dan mhuwiex familjari mal-mod kif topera hi. Hawnhekk il-Qorti jkollha taqbel mal-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal, mhux għaliex twissija ma tistax tingħata fuq pjattaforma diġitali, iżda għaliex minn qari tal-messaġġi li ntbagħtu mis-soċjetà appellanta, ma jirriżulta li ngħatat ebda twissija diretta u

ċara. Jirriżulta biss li wieħed mid-diriġenti tas-soċjetà appellanta wera x-xewqa li jitkellem mal-appellat, u tant ma kienx hemm urġenza għal din il-laqgħa, li l-appellat wieġeb billi qal li fil-ġurnata proposta huwa kien ser ikun indispost jew li ma setax jattendi. Evidenti wkoll mil-lingwaġġ użat, li bejn id-diriġenti tas-soċjetà appellanta u l-appellat, kien hemm ċerta familjarità, u għalhekk att serju bħal ma hija twissija jew il-bidu ta' proċeduri dixxiplinarji li jistgħu jwasslu għat-tkeċċija mill-impjieg, f'dan il-każ kien jirrikjedi formalità akbar minn sempliċement messaġġ fuq pjattaforma diġitali bħal ma huwa l-*WhatsApp*. Il-Qorti tqis li t-Tribunal għalhekk kien korrett meta wasal għall-konklużjoni li l-appellat ma ngħata l-ebda twissija diretta u ċara, u wara diversi snin fl-impjieg mas-soċjetà appellanta, dan tkeċċa mill-impjieg sommarjament u mingħajr ma ngħata ċ-ċans jgħid tiegħu. Il-fatt li l-appellat wieġeb għall-messaġġi li ntbagħtulu, b'mod li jindika li huwa xejn ma kien kuntent kif kienu qegħdin jitmexxew l-affarijiet fuq il-post tax-xogħol tiegħu, dan kellu jagħti lok għal proċedura formali fejn il-partijiet jisimgħu lil xulxin u fejn jiġu identifikati liema nuqqasijiet, jekk kien hemm, setgħu kienu qegħdin jimpedixxu lill-appellat milli jagħmel x-xogħol tiegħu kif suppost. Kienu dawn il-fatturi li t-Tribunal ikkonsidra biex wasal għad-deċiżjoni li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda inġusta, u l-Qorti taqbel pjenament mal-evalwazzjoni li saret mit-Tribunal f'dan ir-rigward. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk, tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju*

21. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta saħqet li kien hemm ċerti provi mressqa minnha li ġew injorati mit-Tribunal, fosthom l-

*affidavits* tad-diretturi tagħha Nicholas u Michael Gatt, u x-xhieda ta' Prashant Patel. Qalet li l-interpretazzjoni li ngħatat mit-Tribunal dwar uħud mill-provi mressqa minnha, lanqas m'hija korretta. Qalet ukoll li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni żbaljata li l-problemi mal-appellat bdew wara l-Arab Cup li saret fil-Qatar, imma fil-verità n-nuqqasijiet tal-appellat bdew ferm qabel dik id-data.

22. Il-Qorti tqis li minn qari tad-deċiżjoni appellata, għandu jirriżulta li mhuwiex minnu li dan eskluda xi parti mill-provi prodotti mis-soċjetà appellanta. Naturalment biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal silet l-aktar partijiet mix-xhieda li deherlu li kienu rilevanti għall-vertenza vera u proprja li kellu quddiemu, jiġifieri jekk it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg saritx għal raġunijiet xierqa u ġusti jew le. Din il-Qorti, filwaqt li tirrileva li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għandhom ikunu bbażati fuq punti ta' dritt u mhux fuq il-mertu, tikkunsidra l-allegazzjoni li l-provi miġjuba minn xi parti ma ġewx meqjusa bħala ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem,* u għalhekk ikkunsidrat din l-allegazzjoni bl-attenzjoni dovuta. Il-Qorti kkunsidrat l-*affidavits* esebiti mis-soċjetà appellanta minn fejn jirriżultaw diversi punti fattwali dwar il-*modus operandi* tas-soċjetà appellanta u l-istanzi partikolari li wasslu għad-deċiżjoni li l-impjieg tal-appellat għandu jiġi tterminat. Il-fatt li t-Tribunal ma semmiex jew ma elaborax dwar din ix-xhieda, ma jfissirx li din ix-xhieda ġiet injorata mit-Tribunal, jew li t-Tribunal warrabha sabiex qies biss dak li kellu xi jgħid l-appellat. Minn qari tad-deċiżjoni appellata, jirriżulta ċar li mhux dan li ġara, iżda t-Tribunal ikkonsidra u qies biss dawk l-aspetti l-aktar rilevanti li setgħu jgħinuh jasal għad-determinazzjoni dwar jekk it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienitx ġusta jew le. Mill-*affidavit* ta' Nicholas Gatt esebit in atti,

jirriżulta li kien dan ix-xhud li semma l-Arab Cup fil-Qatar li nżammet bejn Ottubru u Diċembru tal-2021, bħala ż-żmien meta l-prestazzjoni tal-appellat fuq il-post tax-xogħol ma baqgħetx dik mixtieqa. Għalhekk ma jistax jingħad li t-Tribunal kien żbaljat fil-konklużjonijiet tiegħu dwar iż-żmien meta bdew id-diffikultajiet bejn il-partijiet. Skont il-ġurisprudenza, it-terminazzjoni tal-impjieg ta' persuna hija kkunsidrata bħala l-piena kapitali li jista' jingħata ħaddiem, u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm nuqqasijiet miż-żewġ partijiet. Jirriżulta wkoll li l-appellat kien ilu jiġbed l-attenzjoni tas-soċjetà appellanta dwar xi nuqqasijiet tagħha li kienu qegħdin jimpeduh milli jagħmel ix-xogħol tiegħu kif mitlub, iżda dawn in-nuqqasijiet baqgħu ma ġewx indirizzati. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*<u>It-Tielet Aggravju</u>*

23. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas li jispjega b'liema mod wasal għal-likwidazzjoni ta' kumpens fl-ammont ta' tmintax-il elf u sitt mitt Euro (€18,600), u fil-konsiderazzjonijiet tiegħu qabel ta din id-deċiżjoni, it-Tribunal qies biss l-offerta tagħha ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) ekwivalenti għal xahrejn paga netti, liema offerta ma ġietx aċċettata mill-appellat. Qalet li dan ifisser li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal ta kumpens lill-appellat li huwa ekwivalenti għal sbatax-il xahar salarju, u dan meta f'dan il-perijodu għandu jirriżulta li l-appellat kien sab impjieg alternattiv, u kien żamm ir-rwol li kellu mal-UEFA.

24. Il-Qorti tqis li minkejja li mill-provi jirriżultaw diversi indizji li aktarx li qies it-Tribunal qabel għadda biex jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat,

huwa minnu li t-Tribunal naqas milli jimmotiva din il-parti tad-deċiżjoni tiegħu, u qies biss li l-appellat ġie offrut ammont ta' flus ekwivalenti għal xahrejn salarju. Imbagħad, mingħajr ebda spjegazzjoni ta' xejn għadda biex jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat fis-somma ta' tmintax-il elf u sitt mitt Euro (€18,600). Għall-Qorti, l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal mhumiex tali li jistgħu jitqiesu li jammontaw għall-motivazzjoni rikjesta mil-liġi, u għalhekk ser tkun qiegħda tordna li l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex *ai termini* tal-artikolu 83(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta dan jagħraf jimmotiva l-mod kif wasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens li s-soċjetà appellanta għandha tħallas lill-appellat. Għaldaqstant sejra tilqa' dan l-aggravju tas-soċjetà appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta, billi tiċħad l-ewwel żewġ aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, filwaqt li tilqa' t-tielet aggravju tagħha, u tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex dan *ai termini* tal-artikolu 83(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jagħraf jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu kif titlob il-liġi.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**